**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru : 9**
**Appell Nru: 131/2001**

**Il-Pulizija ( Spettur Simon Galea )**

**Vs**

**JOSEPH CUSCHIERI**

**Illum, 22 ta'Ottubru, 2001.**

Il-Qorti :

Rat l-akkuza dedotta kontra Joseph Cuschieri talli nhar il-Hadd, l-4 ta'Marzu, 2001, ghal habta tal-5.00 p.m., f'Qalet Marku, Bahar ic-Caghaq, limiti tan-Naxxar, stad jew ghamel uzu minn parit (xibka) il-gewwa mill-plivi li hemm fuq il-post, liema stad ma jistghax isir bejn il-15 ta'Frar u l-15 ta'Lulju.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali fis-26 ta'Gunju, 2001, li biha ddikjarat din l-akkuza bhala preskritta, u ghalhekk ma komplietx tiehu konjizzjoni ta' dawn il-proceduri.

Rat ir-rikors ta'appell ta' l-Avukat Generali datat 9 ta'Lulju, 2001, li bih talab li din il-Qorti thassar, tirrevoka w tannulla s-sentenza appellata, u minflok, wara li jinstemghu l-provi, issib u tiddikjara lill-appellat Joseph Cuschieri hati ta' l-akkuza dedotta kontrih, u tinfliggi fuqu l-piena skond il-ligi, jew inkella, minhabba l-beneficcju tad-doppju ezami, tibghat l-atti lura lill-ewwel Qorti ghall-procediment bis-smiegh tal-kawza w decizjoni.

Rat l-aggravju ta' l-appellant Avukat Generali.

Rat l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi fil-fehma ta' l-appellant Avukat Generali, l-ewwel Qorti kienet erroneament illiberat lill-appellat Joseph Cuschieri minhabba li, skond hi, l-azzjoni kontrih kienet preskritta bil-perijodu preskrittiv ta' tlett xhur, meta fil-fatt u skond il-ligi dan ma kienx il-kaz.

Jidher li l-ewwel Qorti qieset ir-reat addebitat lill-appellat bhala wiehed ta'kontravenzjoni, u ghalhekk, dehrilha li f'dan il-kaz kellu japplika il-perijodu preskrittiv ta' tlett xhur ai termini ta' l-Artikolu 688 (f) tal-Kodici Kriminali. Kollox, ghalhekk, jiddependi fuq jekk dan ir-reat hux verament kontravenzjoni, jew inkella hux delitt, f'liema kaz, il-perijodu ta'preskrizzjoni huwa aktar minn dak ta' tlett xhur.

Bhal ma dejjem isir, sabiex wiehed jistabbilixxi jekk reat hux kontravenzjoni jew delitt, wiehed irid jara jekk dak ir-reat hux wiehed ta'natura kontravenzjonali, jew inkella, hux delitt sija minhabba l-pieni stabbiliti appozitament ghalih, kif ukoll minhabba l-pieni stabbiliti ghal dawk il-kontravenzjonijiet taht il-Kodici Kriminali.

Issa skond l-Artikolu 7 (1) tal-Kodici Kriminali, l-pieni stabbiliti ghad-delitti huma (**a**)prigunerija, (**b**) ir-rekluzjoni, (**c**) l-interdizzjoni u (**d**) il-Multa, filwaqt li l-pieni stabbiliti ghall-kontravenzjonijiet huma (**a**) id-detenzjoni, (**b**) l-ammenda u (**c**) ic-canfira jew it-tweddiba. Issa fil-kaz tar-reat addebitat lill-appellat, ai termini ta' l-Artikolu 3 (1) tal-Kap. 138, kif ukoll l-Artikoli 305 u 306, abbinati ma' l-Artikolu 319 (1) tal-Kap. 10, kif ukoll l-Artikolu 30 ta' l-Att II tas-sena 2001, il-pieni stabbiliti ghal dan ir-reat huma l-Multa jew il-prigunerija, jew it-tnejn flimkien. Ma jirrizultax li l-pieni ghal dan ir-reat huma fost il-pieni stabbiliti ghall-kontravenzjonijiet, cioe', ic-canfira jew it-tweddiba, l-ammenda jew id-detenzjoni. Il-pieni tal-Multa u/jew tal-prigunerija huma l-pieni stabbiliti ghad-delitti.

Issa fil-kaz in ezami, dan ir-reat ghandu piena ta'prigunerija ta'tlett xhur, jew Multa, jew it-tnejn flimkien. Ghalhekk, ma hemm ebda dubju li dan ir-reat huwa delitt u mhux kontravenzjoni. Isegwi, mela, li l-perijodu preskrittiv li japplika hu dak stipulat fl-Artikolu 688 (e) tal-Kodici Kriminali. Dan huwa z-zmien ta'sentejn ghal dawk id-delitti soggetti ghall-piena ta'prigunerija ta' anqas minn sena, jew ghall-piena tal-Multa, jew ghall-pieni tal-kontravenzjonijiet. L-aggravju ta' l-appellant Avukat Generali, ghalhekk, huwa akkolt.

Ghal dawn ir-ragunijiet, l-appell ta' l-Avukat Generali huwa milqugh b'dan l-Qorti qed thassar, tirrevoka w tannulla s-sentenza appellata, u, fic-cirkostanzi, minhabba l-beneficcju tad-doppju ezami, tordna li l-atti jerghhu jintbghatu lura lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali sabiex tipprocedi bis-smiegh tal-provi w l-eventwali decizjoni taghha.

Aldo Testone

Deputat Registratur